MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2004

Numru. 794/2000

**Il-Pulizija**
**(Sp. Helga Debono)**

**vs**

**Saviour Cacia ta’ 19 sena, iben Anthony u Censina nee Schembri, mwieled Pieta’ fil-31 ta’ Mejju, 1981, u residenti Block 5, Flat 2, Triq il-Madonna tal-Grazzja, Bormla, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 271481 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Saviour Cachia li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fix-xahar ta' Settembru, 2000 u fix-xhur ta' wara b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi:

a. ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, nkella illi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe ghamel falsifikazzjoni ta' diversi firem fuq cekkijiet tal-Bank of Valletta ta' C. Falzon u aktar talli xjentement ghamlu uzu mill-istess skritturi jew kitba falza u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
b. Iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe cekkijiet tal-Bank of Valletta fuq l-akkont ta' C. Falzon u persuni ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircevu bih hlas jew jiehu kunsinja tal-oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn banek jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqas jew maghruf b'xi att pubbliku tal-gvern u aktar talli ghamel uzu mill-istess karta msemmija u dan bi ksur tal-Artikoli 167 u 169 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
c. B'mezzikontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ngann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' Lm 180 ghad-detriment ta' C. Falzon, Bank of Valletta bi hsara ghal C. Falzon, Bank of Valletta u persuni ohra u dan bi skur ta' l-Artikoli 308 u 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
d. Ikkommetta serq ta' cekk book tal-Bank of Valletta mahrug lil C. Falzon minn vettura u dan ghad-detriment ta' Bank of Valletta, C. Falzon u persuni ohra bi ksur tal-Artikoli 261 u 271 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

e. Ukoll talli f'Bormal fit-18 ta' Settembru, 2000 ghall-habta tat-3.00 p.m. ikkommetta serq ta' mobile phone tal-ghamla Nokia li l-valur tieghu huwa ta' Lm 107 ghad-dannu ta' Anthony Gafa minn B'Bugia, liema serq huwa kwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa bi ksur tal-artikoli 267 u 271 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
f. Barra minn hekk akkuzat li kiser il-provedimenti ta' Sec 5 Kap 152 ta' sentenza tal-Qorti ta' 20/03/2000 u kiser il-provedimenti ta' Sec 9 Kap 152 ta' sentenza tal-Qorti ta' 22/03/2000.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-akkuzi kif migjuba kontra Saviour Cachia principalment ir-reati kkontemplati fl-artikoli 183, 184, 167, 169 308, 309, 261, 267 tal-kapitlu 9 u l-artikoli 5 u 9 tal-Kapitlu 152.

Ikkonsidrat

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti hija konvinta li Cachia hu hati kemm tas-serq tac-cheque book kif ukoll tal-mobile, bl-aggravji lilu addebitati. Illi dan jirrizulta kemm mill-istess stqarrijiet rilaxxati mill-istess akkuzat kif ukoll mix-xhieda tal-pulizija li ntraccaw lil Cachia gol-car park u fuqu sabu c-cheques (tnejn) u minn dik ta' Gafa li gharaf lill-istess akkuzat bhala l-bniedem li seraqlu l-mobile.

Illi mill-istess stqarrija jirrizulta wkoll (ex admissis) li Cachia ffirma fuq ic-cheques ta' Falzon. Dan il-fatt huwa ben kristallizat mir-rapport ta' l-espert tal-kaligrafija Gaffiero. Illi in kwantu hekk il-Qorti hi wkoll konvinta li Cachia sar ghalhekk anke hati tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 184 tal-Kap 9.

Illi min-naha l-ohra dwar ir-reati ta’ frodi jigi sottolineat illi anke mix-xhieda stess tad-derubat Carmel Falzon (u ghal darb’ohra mill-istqarrija) jirrizulta illi fil-fatt Falzon ma sofra ebda detriment pekunjarju in kwantu ghalkemm Cachia holoq vera dik il-grajja kimerika  billi kiteb cheques f’ismu u ffirmahom huwa stess, pero’ dan ic-cheque ma ssarrafx. Ghalhekk f’dan il-konfront jezisti biss  tentattiv ta’ dan ir-reat.

F’dan ir-rigward ghalhekk ghar-reat kontemplat taht l-artiklu 167 tal-Kapitlu 9.    Punt f’dan ir-rigward issollevat mid-Difiza u tal-falz grossolan, fatt dan li hareg mill-istqarrija ta’ l-istess akkuzat meta qal li fil-fatt ic-cheques ghalkemm minnu debitament prezentati l-HSBC ma ssarfux minhabba l-firma.   Fil-fatt dan l-artikolu jitkellem dwar “ordni, dokument li meta jigu prezentati wiehed jista’ jircevi bihom hlas”, pero’ ssaqsi l-Qorti tista’ tircevi hlas b’cheque illi ma jista’ qatt jissarraf minhabba l-falsita’ ovvja fil-kontenut.    Allura f’dan l-artiklu l-falsita’ trid twassal ghal possibilita’ ta’ hlas (f’dan il-kaz darba li cheque gie prezentat).  Tali falsita’ per se sa dan il-grad mehtieg ma gietx pruvata, onu li jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni.  Ghaldaqstant il-Qorti taqbel mad-Difiza u tqis li dan ir-reat mhux pruvat.

Tqis ukoll li Saviour Cachi kiser ta’ l-Artiklu 5 u 9 tal-Kap 152.

Dwar il-piena rat l-ewwel nett illi Cachia sa ftit xhur qabel kien gie moghti kemm il-beneficcju ta’ l-artikolu 5 u 9 tal-Kap 152 pero’ jidher li ma gharafx jiehu beneficcju ta’ dan. Irrizulta wkoll mir-report li b’tant insistenza ried jesebixxi Father Montebello illi fis-sena 2002 Cachia anke gie kkundannat ghoxrin xahar habs u Lm 300 multa kkonfermata mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali dan ta’ reat li kkommetta, (relatat  ma’ droga), fis-sena 1999.  Apparti l-fatt li jidher li Father Montebello hu aktar aggornat mill-Prosekuzzjoni dwar dik li hi l-fedina ta’ l-akkuzat, dan il-fatt ikompli juri li Cachia sal-llum ghalkemm kif jidher li gie moghti diversi opportunitajiet, ma ha ebda vantagg taghhom.

Ghaldaqstant dwar il-piena rat l-artikoli 183, 41, 308, 17 tal-Kap 9, l-art 5, 9 u 10 tal-Kap 152 u tikkundanna lil Saviour Cachia ghar-reati taht il-Kap 9 ghal erba' u ghoxrin (24) xahar prigunerija mentri ghar-reati li taghhom gie moghti l-beneficcju tal-provedimenti tal-Kap 152 ghal piena ta' tlettax (13) –il xahar wara li rat l-artikoli 201, 203, 207, 270, 278, 279 tal-Kapitlu 9 u l-artikoli 10 tal-Kap 152 tikkundannah ukoll ghal multa ta' Lm 250 u skwalifika ta' sena milli jkollu jew izomm licenzji tas-sewqan u dan wara li rat l-artiklu 3 tal- Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------